MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Numru. 808/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Christian Barbara ta’ 26 sena bin Lawrence u Mary nee’ Farrugia, imwieled il-Pieta’ fit-23 ta’ Awwissu 1987, li joqghod fil-fond Nru.5, Telghet il-Foss, il-Birgu u detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 0411487(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Christian Barbara akkuzat:

A) Talli nhar id-09 ta’ Lulju 2011 ghal habta ta’l-10:15 ta’ fil-ghaxija, filwaqt li kien fi Triq l-Irnella gewwa l-Kalkara, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Mario Gerada, mill-Kalkara, f’periklu car, ikkagunalu ferita ta’

natura gravi, liema ferita iggiblu sfregju gravi u permanenti fil-wicc u dan skond ma iccertifikat Dr. Jesmond Cassar M.D., it-tabib tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid u dan ai termini ta'l-artikoli 214 u 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Pauline Gerada mill-Kalkara, hekk kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar M.D. it-tabib tac-Centru tas-sahha ta' Rahal il-Gdid u dan ai termini ta'l-artikoli 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Mario Gerada u Pauline Gerada mill-Kalkara sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni, u dan ai termini ta'l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

D) kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dana ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wara li gie ipprovokat, ingurja lil Mario Gerada mill-Kalkara b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta'l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-28 ta' Dicembru 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni sabiex l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat,

Illi l-incident mertu ta' dina l-kawza inqala' minhabba pika bejn partitarji ta' zewg kazini f'festa religjuza u cioe' fil-festa ta' San Guzepp fil-Kalkara. Jidher illi l-pika bejn iz-zewg kazini tar-rahal hija wahda akkanita tant illi il-pulizija jarmaw rwiehom minn qabel sabiex jipprovdu sigurta' kbira kontra xi glied li jista' jinholoq. Il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma tifhimx dana is-sens ta' mibgheda u pika f'gieh ir-religjon nisranija u ma tifhimx lanqas kif l-Awtoritajiet Ekklesjastici ma jiehdu l-ebda passi sabiex irazznu dina l-animosita' li spiss twassal ghal incidenti serji fil-festi li isiru gewwa l-irhula taghna.

Illi fil-jum mertu ta' dana il-kaz, kien ghaddej marc organizzat mill-Kazin hekk imsejjah "ta' Malta" jew "tal-Homor" gewwa l-Kalkara. Dana il-marc kellu ighaddi minn triq vicin il-Kazin avversarju hekk imsejjah "Tas-Sacra Familja" jew "tal-Blu". Il-pulizija jarmaw bhal *barricades* u joqghodu warajhom, sabiex izommu imbieghda il-partitarji tal-Kazin tas-Sacra Familja mill-marc u il-partitarji tal-kazin l-iehor. Jidher izda li xortawahda jigu skambjati kliem ta' tghajjir u insulti u anke kliem hazin u oxxen u hekk ukoll gara f'dana il-kaz, kliem u kummenti li sfortuantament wassal sabiex tnejn minn nies gew l-idejn. Dana ghaliex l-imputat li kien jappartjeni lill-Kazin tas-Sacra Familja beda ighajjat kliem ta' insulti fil-konfront tal-partitarji l-ohra waqt li kien ghaddej il-marc. Jidher illi din hija xi haga li solitament tigri tant illi l-Ispettur Jesmond Borg ighid:

**"Issa din kienet il-gurnata tas-Sibt … kienet il-gurnata tal-kazin, ahna insibuhom bhala ta' Malta, li huma l-kazin tal-homor gewwa l-Kalkara u dawn kienu ighaddu, ighaddu minn Triq is-Sienja u jigu ezatt fil-pjazza, jigu biswit il-Pjazza Maestro Lorenzo Gonzi, jidhirli, li hemmhekk hemm il-kazin tas-Sacra Familja, li huwa l-kazin tal-partitarji blu. Hemmhekk jigi borderline u hemmhekk ikun hemm botta u risposta u ahna konna qeghdin hemmhekk fil-borderline biex naraw li ma jkunx hemm ksur ta' ligi u l-affarijiet ma**

**jiskalawx u nispiccaw b'xi glieda ta' xi mitt ruh. U dana s-soltu botta u risposta, speci insolenzi …[1]"**

Illi f'dana l-isfond ghalhekk inqala' l-incident mertu tal-kawza. Il-parti leza Mario Gerada u martu Pauline kienu qeghdin wara il-*barriers* flimkien mal-partitarji tas-Sacra Familja isegwu il-marc. Jidher illi ghalkemm Gerada kien ixaqleb lejn in-naha tal-kazin tal-Homor, martu madanakollu kienet tax-xaqliba l-ohra. Hekk kif ghadda il-marc minn quddiemhom l-istatwa ta' Malta bdiet tixxengel u l-imputat beda ighajjat xi kummenti dwar dan il-fatt u li kien ikun ahjar jekk dina l-istatwa taqa'. Gerada fil-pront wiegbu illi ma kellux ighid dana il-kliem ghax kienet tkun disgrazzja li kieku taqa' l-istatwa, izda jidher illi l-imputat baqa' ghaddej b'dawn il-kummenti ghalkemm Gerada beda issikktu. Minn hawn 'il quddiem ma hemmx qbil bejn Gerada u l-imputat dwar dak li sehh ghaliex filwaqt li Gerada ighid illi l-imputat gibbdu minn spalltu u hekk kif dar b'wiccu lejh huwa xejjirlu daqqa' ta' ponn u dana minghajr ebda raguni, l-imputat minn naha tieghu isostni illi kien Gerada li dar fuqu u hebb ghalih sabiex jieqaf mill-kummenti li kien qed ighaddi u xejjirlu daqqa ta' ponn u laqqtu bi sbrixx fuq geddumu. L-imputat ighid illi irritalja ghal dina l-azzjoni u xejjirlu daqqa ta' ponn lura sabiex b'hekk laqat lil Gerada fuq huxbejh u laqat ukoll lil mart Gerada, Pauline, fuq rasha.

Ikkunsidrat,

Illi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, ghalhekk, l-Avukat Generali jindika li tista' tinsab htija fil-konfront ta'l-imputat b'mod ewlieni ghar-reat ta'l-offiza volontarja ta' natura gravi. Il-Professor Mamo ghandu dana xi ighid dwar dana r-reat:

**"The fact that the law in defining this crime merely excludes the specific intent of wilful homicide, and does not mention positively any other criminal intent, does not mean that an intent is not necessary." Ikompli: "But the intention required is merely the**

[1] Ara xhieda ta'l-Ispettur Jesmond Borg a fol.18

***animus nocendi*, the generic intent to cause harm without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. … Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused in application of the principle, *dolus indeterminatus determinatur ab exitu*.”**

F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Zammit, il-Qorti ziedet: ***“Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu*.”**

Illi kif diga inghad hemm zewg verzjonijiet konfliggenti dwar dak li sehh ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-incident kollu inqala’ wara l-imputat ghadda kliem dispreggattiv fil-konfront tal-partitarji tan-naha l-ohra. Il-parti leza madanakollu hass illi ghalkemm kien jaf li kien imdawwar bil-partitarji avversarji tal-marc li kien ghaddej, kellu jirrispondi ghal dana id-diskors u ghalhekk ma hemmx dubbju illi pogga ruhu f’sitwazzjoni ta’ provokazzjoni. Dana il-fatt ma hux ikkontestat. Illi il-parti leza u martu isostnu illi l-argument bejn l-imputat u Gerada kien wiehed verbali inizjalment u li kien l-imputat li hebb ghal parti leza. L-imputat u shabu li kienu mieghu dak in-nhar u cioe’ Ronnie u Gabriel Farrugia kollha isostnu illi kien Gerada li dar ghal fuq l-imputat u xejjirlu daqqa ta’ ponn b’dan ghalhekk illi l-imputat irritalja ghal dina d-daqqa.

Illi ma hemmx dubbju illi l-incident kollu gie ipprovokat mill-parti leza li dehrlu li l-imputat ma kellux ighaddi kummenti fil-konfront tal-partitarji tal-kazin Ta’ Malta u qallu biex jieqaf, haga li l-imputat ma ghamilx. Minn hawn jidher illi qam argument bejniethom. Illi ghalkemm inizjalment il-parti leza isostni illi huwa fl-ebda hin ma

hebb ghall-imputat jew refa' idejh fuqu u li kien l-imputat li minghajr l-ebda raguni xejjirlu daqqa ta' ponn, madanakollu fix-xhieda tieghu ighid illi huwa kien irrabbjat ghall-imputat tant illi n-nies kellhom izommu lilu u lill-imputat sabiex irazznuhom. Huwa isostni li dan sehh wara li kien qala' id-daqqa ta' ponn ghalkemm ighid illi kellu hafna demm niezel ma' wiccu. Illi dana johrog ukoll mix-xhieda ta' martu Pauline Gerada li issostni illi lanqas biss indunat illi l-imputat kien xejjer daqqa lil zewgha ghaliex hija marret biex taqbdu u indunat li kellu wiccu kollu dmija f'dana il-mument. Illi dina l-verzjoni ma taghtix spjegazzjoni ghal feriti li kellha ukoll Pauline Gerada li sehhew allegatament bl-istess daqqa li l-imputat xejjer lejn zewgha. Tghid hekk;

"Jiena bdejt inzomm lir-ragel tieghi, ghax isma meta taqla' daqqa nahseb li tipprova tmur tiddefendi ruhek. Jiena zammejtu biex zgur ma jidhollix il-kazin, ghax huma kaxkruh fil-kazin[2], biex zgur ma jidhollix fil-kazin ghax hu kien jehel.". Imbaghad tghid: "**Dak il-hin mort niqbed lir-ragel** u nahseb taha lilu u baqa' gej fuqi, id-daqqa baqghet gejja fuqi.[3]"

Illi l-Qorti temmen ghalhekk illi kien il-parti leza li dar ghal fuq l-imputat bir-rabbja li hu stess ighid li hass u hebb ghalih tant illi f'dak il-mument martu marret biex tigdbu lura ghaliex indunat li zewgha kien irrabbjat u kien ser jinqala' argument u hekk kif marret biex tigbdu, l-imputat xejjer id-daqqa ta' ponn fid-direzzjoni ta' Gerada sabiex b'hekk laqat lilu u lil martu li kienet hdejh qed izommu. Kwindi abbazi ta' dana kollu, l-Qorti tqies illi l-verzjoni moghtija mill-imputat hija wahda aktar verosimili.

Illi l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liijiet ta' Malta, fil-fatt jitkellem dwar l-iskuzanti tal-provokazzjoni u l-Qorti tara illi fil-fatt hija dina s-sitwazzjoni li avverat ruhha bejn dawn it-tnejn minn nies. Fost ir-rekwizti sabiex tapplika dina l-iskuzanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iggib l-effett li ma

[2] Hawn Pauline Gerada qed tirreeri ghall-imputat.
[3] Ara xhieda Pauline Gerada a fol.51

jkunux kapaci li jqiesu il-konsegwenzi tad-delitt.” Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta’ temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv; il-bniedem ta’ temperament ordinarju. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta’ Settembru 2004 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abela gie deciz:

**“Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta’l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero’ dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta … il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma’l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: “*la situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato  e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio’ l-attenuante dovra’ ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita’ esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto”* (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).”**

Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana l-iskuzanti u cioe’ fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt ta’l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Illi l-Qorti tqies illi f’dana l-kaz kien hemm provokazzjoni da parti tal-parti leza u ghalhekk il-Qorti ser tilqa’ dina il-linja difensjonali. Illi ma hemmx dubbju illi hekk kif gie affrontat minn Gerada u ghalhekk gie ipprovokat, l-imputat ireagixxa instantanjament billi xejjer daqqa ta’ ponn bil-

konsegwenza illi l-imputat ikkaguna il-griehi ta' natura gravi fuq il-perusna ta' Mario Gerada u ikkaguna ukoll griehi fuq martu li kienet fil-vicinanzi.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti kemm minn Mario Gerada, kif ukoll minn Pauline Gerada ma hemmx kontestazzjoni u fi kwalunkwe kaz dana jirrizulta ippruvat mix-xhieda tat-tabib Jesmond Cassar u ic-certifikati medici rilaxxjati minnu[4].

Ikkunsidrat,

Illi dwar l-akkuza kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

***'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.***

Illi ma hemmx dubbju li dina l-akkuza tirrizulta ippruvata billi l-imputat kien qieghed ighajjat u jiggieled f'post pubbliku fil-mument li kienu qed isiru ic-celebrazzjonijiet ghall-festa tar-rahal.

Illi dwar l-akkuza kontravvenzjonali indikata l-artikolu 339(1)(e), indikata mill-Avukat Generali, ghandu jinghad illi ma hemmx prova fl-atti illi l-imputat ingurja lill-parti leza bil-kliem u li l-kliem dispreggjattiv li beda jinghad minnu

[4] Ara xhieda ta' Dr. Jesmond Cassar a fol. 62 u certifikati medici Dokumenti JB1 u JB2.

kien qed jinghad b'mod generali u mhux indirizzat lejn persuna partikolari. Illi lanqas ma tista' tirrizulta l-akkuza kontravvenzjonali ikkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) billi l-fattispecje tal-kaz ma jinkwadrawx ruhhom taht dina id-disposizzjoni tal-ligi, izda taht disposizzjonijiet ohra tal-Kodici Kriminali kif hawn fuq indikat.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti tistqarr li ma tistax tinjora l-isfond li fih sehh dana l-incident u l-fatt illi tali incident kien ikkagunat minn imgieba deplorevoli ta' nies adulti waqt celebrazzjoni ta' festa religjuza. Il-Qorti tifhem illi dina is-sitwazzjoni hija ben maghrufa mal-awtoritajiet tant illi jittiehdu prekawzzjonijiet sabiex jigi evitat il-glied. Tqies illi li kieku dina is-sitwazzjoni tigi ikkontrollata ahjar mill-Awtoritajiet kemm civili kif ukoll ekklesjastici ikun possibbli li tigi eradikata dina l-pika esagerata u minghajr sens li jistghu biss iwasslu ghall-incidenti ohra fil-futur.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 227(c), 230(b), 232(a), 235, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet u l-hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema reat madanakollu huwa skuzabbli ai termini ta'l-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba provokazzjoni, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------